Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-14 ta' Dicembru 2023**

**Kump. Nru. 769/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Versus**

**Lawrence Mangion**
**(485487M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Lawrence Mangion**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 485487M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, meta :

1. Bejn l-1 ta' Dicembru 2022 u l-4 ta' Awwissu 2023, u jew fix-xhur ta' qabel u f'hinijiet differenti, minn gewwa l-gzejjer ta' Malta u Ghawdex, ikkommetta serq ta' flus tal-valur li jaqbez l-ammont ta' Euro 2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna dan ghad-detriment tal-Aquates Marketing Ltd.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Lawrence Mangion sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiza jew offizi kull haga minnu misruqa jew li hi kienet xjentement laqghat ghandha b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew

offiza jew  hsara ohra, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Lawrence Mangion hati** ta' l-akkuza migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**,

b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Lawrence Mangion** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Lawrence Mangion** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sentejn (2)** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Lawrence Mangion. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill- Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 15A(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati **Lawrence Mangion** jirrestitwixxi lil **Aquates Marketing Ltd. l-ammont ta' tmint elef, erba' mija u sbatax-il Euro (€8,417.00).**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**